MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Kompetenza Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-28 ta’ Ottubru, 2020

Appell Inferjuri Numru 99/2018 LM

**Brian Zammit (K.I. 313375M)**
*(l-appellat)*

***vs.***

**Mary Saliba (K.I. 40754M)** *(l-appellanta)*
**u Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali**

**Il-Qorti,**

## Preliminari

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimata **Mary Saliba** (minn issa ’l quddiem “l-appellanta”), mid-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal tal-Arbitraġġ fi ħdan iċ-Ċentru dwar l-Arbitraġġ ta’ Malta (minn issa ’l quddiem “it-Tribunal”),

fl-14 ta' Settembru, 2018, (minn issa 'l quddiem "id-deċiżjoni appellata"), li permezz tagħha t-Tribunal iddeċieda illi,

> *"... jiddeċiedi billi jilqa' t-talbiet tar-rikorrenti kif avvanzati fl-Avviż tal-Arbitraġġ datat 11 ta' Diċembru 2012, b'dan li tiddikjara li r-rikorrenti għandu d-dritt għas-sussidju fuq l-art bin-numru IACS – LPIS: (ZT No – 5668 – 89), imsejħa art f''Tal-Imħammed', iż-Żejtun.*
>
> *L-Arbitru qiegħda tillibera lill-Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali minn kwalsiasi spejjeż ta' din il-proċedura.*
>
> *Bl-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri kontra l-intimata Mary Saliba."*

**<u>Fatti</u>**

2. Fil-11 ta' Diċembru 2012, ir-rikorrent **Brian Zammit**, hawnhekk "l-appellat", ippreżenta Avviż ta' Arbitraġġ flimkien ma' Talba bil-Miktub, li permezz tagħhom filwaqt li għamel riferiment għas-sussidju li jingħata mill-Aġenzija għall-Pagamenti li taqa' taħt il-Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali, talab li jiġi dikjarat li huwa għandu dritt għas-sussidju fuq l-art bir-referenza IACS-LPIS (ZT No. 5668-89), magħrufa bħala 'Tal-Imgħammed', iż-Żejtun.

L-intimata **Mary Saliba** wieġbet li hija taħdem żewġ tomniet minn din l-art, u ddikjarat li hija wkoll irreġistrat din l-art mal-Aġenzija tal-Pagamenti sabiex hija wkoll tkun tista' tingħata s-sussidju talli taħdem art agrikola. L-intimata qalet li għal xi raġuni r-rikorrent iddikjara li huwa jaħdem ir-raba' inkwistjoni kollu

kemm hu, inkluż iż-żewġ tomniet li jinħadmu minnha, u żiedet tgħid li għalhekk għandu jirriżulta li hija tikkwalifika għall-ħlas ta' kumpens mill-Aġenzija tal-Pagamenti fuq it-tomnejn li jinħadmu minnha, filwaqt li qalet li qiegħda tirrimetti ruħha għall-kumpens li jista' jikkwalifika għalih ir-rikorrent fuq ir-raba' li jinħadem minnu.

L-intimat **Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali** wieġeb li l-Aġenzija għall-Pagamenti mhix il-leġittimu kontradittur tar-rikorrent, u f'din il-kwistjoni la ħadet pożizzjoni li fiha opponiet għat-talbiet tar-rikorrent u lanqas qablet, iżda minflok irreferiet lill-partijiet għall-proċeduri tal-arbitraġġ. L-Aġenzija għall-Pagamenti qalet ukoll li amministrattivament ma jkunx prudenti u ma jkunx hemm amministrazzjoni tajba f'każ li hija tintalab toħroġ l-istess sussidju darbtejn fuq l-istess għalqa, ladarba kemm ir-rikorrent Brian Zammit kif ukoll l-intimata Mary Saliba ssottomettew dokumenti u talbiet fir-rigward tal-istess raba', u spjegat li huwa għalhekk li hija rrifjutat li tagħti xi forma ta' sussidju fir-rigward ta' dan ir-raba'. L-Aġenzija għall-Pagamenti żiedet tgħid li hija tkun disposta li tħallas tali sussidju f'każ li tingħata deċiżjoni jew direzzjoni mit-Tribunal f'dan ir-rigward.

## <u>Mertu</u>

3. It-Tribunal ikkunsidra x-xhieda ta' diversi persuni, fosthom ta' **Saviour Pulis**, iz-ziju tar-rikorrent, li qal li kien hemm drabi meta huwa kien imur fir-

razzett magħruf bħala 'Tal-Imgħammad', f'Tarxien Road, iż-Żejtun sabiex jgħin lil missier ir-rikorrent. Qal li f'dan ir-razzett jgħixu diversi familji, u minkejja li l-intimata kienet tgħix f'dan ir-razzett flimkien mal-ġenituri tagħha, meta żżewġet din marret tgħix għal rasha, iżda parti mir-raba' baqa' jinħadem minnha u minn uliedha. Ix-xhud qal li l-intimata taħdem żewġ tomniet li jinsabu fuq wara tar-razzett, u sabiex wieħed jaċċedi għalihom irid jgħaddi minn xatba u jaqsam mogħdija. Ix-xhud qal li kien hemm żmien meta r-rikorrent ħarat parti mill-mogħdija sabiex l-intimata u wliedha ma jkunux jistgħu jaċċedu għar-raba' tagħhom minn din il-mogħdija, u qal li dawn it-tomnejn raba' partikolari dejjem inħadmu mill-intimata u minn uliedha.

Xhud ieħor, **Carmelo Zammit** spjega li huwa ilu jirrisjedi f'dan ir-razzett mit-twelid, u qal li l-art inkwistjoni hija proprjetà tad-Dipartiment tal-Artijiet, li lilu titħallas il-qbiela. Ix-xhud qal li huwa baqa' jgħix fir-razzett anki wara l-mewt tal-ġenituri tiegħu, u fir-razzett għad hemm tgħix oħtu Tessie Zahra bil-familja tagħha. Qal li kien hemm żmien meta missieru ntalab ma jibqax iħallas il-qbiela għall-kera tal-art u r-razzett minħabba li fil-viċin kien ġie żviluppat il-qasam industrijali ta' Bulebel, u fil-preżent ħadd mhuwa jħallas kera jew qbiela għall-użu ta' dan ir-razzett. Qal ukoll li r-rikorrent huwa t-tifel ta' ħuh, u xi żmien qabel dan kien daħal jgħix fir-razzett mingħajr ebda titolu. Qal li r-rikorrent waqqa' parti mir-razzett u għamel żvilupp fih mingħajr il-permess tal-awtoritajiet. Żied jgħid li peress li r-rikorrent m'għandu l-ebda titolu fuq l-art jew fuq ir-razzett, kull applikazzjoni sabiex jissana l-iżvilupp imressqa minnu

hija illegali. Kompla jgħid li r-rikorrent qabad u rreġistra r-raba' kollu u applika għas-sussidju fuq l-art kollha, mingħajr ma eskluda mill-applikazzjoni għall-għoti tas-sussidju r-raba' li jinħadem mill-intimata u minn uliedha. Ix-xhud żied jgħid li dawn it-tomnejn raba' kienu ilhom jinħadmu mill-intimata u minn uliedha sa minn meta kien għadu ħaj missierhom. Ix-xhud qal li mhux minnu li missieru ħalla xi jedd fuq xi parti minn dan ir-razzett u l-art tal-madwar lir-rikorrent, u qal li ladarba d-Dipartiment tal-Artijiet mhux jaċċetta ħlas tal-kera fuq din l-art, l-aħwa ma setgħux jipproċedu bil-qsim tar-raba' bejniethom. Ix-xhud qal li huwa qatt ma kien ser ikun dispost jaċċetta li r-rikorrent jieħu parti minn dan ir-raba', ladarba huwa jgħix fir-razzett li jifforma parti minn din il-qbiela. Ix-xhud qal li minkejja li huwa pprova jirregolarizza s-sitwazzjoni tiegħu mad-Dipartiment tal-Artijiet, huwa kien ġie mgħarraf li ma setax jagħmel dan għaliex hemm numru ta' illegalitajiet fuq is-sit. Ix-xhud ikkonferma li oħtu Mary Saliba għadha taħdem żewġ tomniet minn dan ir-raba', u r-rikorrent kien indika li huwa ma kellu l-ebda oġġezzjoni għal dan.

**Clive Saliba**, it-tifel tal-intimata xehed li huwa ilu jiffrekwenta l-għelieqi inkwistjoni sa minn meta kien għadu tifel żgħir, u minkejja li oriġinarjament il-qbiela inkwistjoni kienet titħallas min-nannu tiegħu Salvu Zammit, meta fl-1967 il-Gvern żviluppa ż-żona industrijali ta' Bulebel, id-Dipartiment tal-Artijiet ma baqax jaċċetta ħlas ta' qbiela fuq dan ir-raba'. Dan ix-xhud qal li r-rikorrent kien iddeċieda li japproprja r-raba' inkwistjoni kollu għalih, u kien anki ħa l-inizjattiva biex iwaqqa' xi kmamar, vaska u binjiet oħra li kien hemm fir-razzett

fejn kienu jinżammu l-annimali. Ix-xhud qal li sabiex hu u ommu jistgħu jaċċedu għaż-żewġ tomniet raba' li jinħadmu minn ommu, huma jridu jgħaddu minn fuq ir-raba' tal-ġirien tagħhom minħabba li r-rikorrent għalqilhom l-aċċess. Ix-xhud qal li meta ommu applikat mal-Aġenzija tal-Pagamenti sabiex tieħu sussidju fuq dan ir-raba', hija kienet ġiet mgħarrfa li r-rikorrent kien diġà applika biex jieħu s-sussidju hu.

**Clint Saliba**, iben l-intimata Mary Saliba kkonferma li hu u ħuh trabbew fir-raba' inkwistjoni li oriġinarjament kien jinħadem min-nannu tagħhom, u z-ziju tiegħu, Anthony Zammit, missier ir-rikorrent, qatt ma kien jaħdem ir-raba' kollha hu. Qal li fil-familja tagħhom dejjem kien hemm qbil dwar il-fatt li hu, ħuh u ommu kellhom jaħdmu parti minn dan ir-raba' huma. Qal ukoll li z-ziju tiegħu kien ipprova jirreġistra r-razzett fuq ismu mingħajr ma għarraf b'dan lil ħutu jew kiseb il-kunsens tagħhom.

L-intimata **Mary Saliba** qalet li hija trabbiet f'dan ir-razzett u r-raba' tal-madwar, fejn missierha kien irabbi l-annimali. Qalet li l-aħwa kollha kienu jgħinu lil missierhom fix-xogħol tar-razzett, iżda ħuha Anthony Zammit qatt ma ħadem iż-żewġ tomniet li jinsabu fuq il-parti ta' wara tar-razzett, li dejjem kienu jinħadmu minnha. Qalet li kienu ħuha u ibnu r-rikorrent li kienu għalqulha l-aċċess għall-parti tar-raba' li kienet tinħadem minnha, u ħuha ieħor kien twaqqaf milli jidħol jagħlef żiemel li kien iżomm f'*paddock* f'waħda mill-għelieqi, sakemm dan iż-żiemel kellu jitraqqad minħabba problemi f'saħħtu għaliex kien qiegħed jitħalla bla ikel għal ħafna ħin. L-intimata qalet li

kien biss fl-aħħar tliet snin li Brian Zammit iddeċieda li jidħol fil-parti tar-razzett fejn kienu jitrabbew l-annimali u rranġa partijiet minnhom sabiex ikun jista' jgħix fihom. Iżda qalet li b'daqshekk ma jfissirx li huwa għandu titolu fuq dan ir-raba'. Qalet ukoll li r-rikorrent abbuża meta applika għal sussidju fuq il-parti tar-raba' li huwa jaf li tinħadem minnha u minn uliedha. Ix-xhud qalet li hija applikat għas-sussidju fuq iż-żewġ tomniet li dejjem inħadmu minnha, imma hija ma kienx fi ħsiebha toġġezzjona għall-applikazzjoni li ressaq ir-rikorrent sabiex jieħu sussidju fuq il-kumplament tar-raba'. Qalet iżda li fuq iż-żewġ tomniet li dejjem inħadmu minnha, hija tippretendi li tkun hi li tapplika u tibbenefika mis-sussidju u mhux ir-rikorrent.

**Christopher Saliba**, iben l-intimata Mary Saliba kkonferma wkoll li sa minn meta kien tifel trabba fl-għelieqi tan-nannu tiegħu, u minkejja li missier ir-rikorrent kien irabbi l-annimali fir-razzett, dan qatt ma ħadem ir-raba' kollu hu. Qal ukoll li fil-familja dejjem kien hemm qbil dwar min ser jaħdem partijiet mill-għalqa. Ix-xhud spjega li l-partijiet kellhom jinvolvu l-Pulizija meta r-rikorrent u missieru kienu għalqu l-aċċess għal parti mill-għalqa. Qal li Brian Zammit aġixxa b'mod abbużiv meta qabad u rranġa parti mir-razzett li kien jintuża għat-trobbija tal-annimali sabiex imur jgħix fih, kif ukoll meta applika għas-sussidju fuq raba' li kien jaf li ma jinħadimx minnu. Fil-kontroeżami tiegħu dan ix-xhud qal li la hu, la ħuh u lanqas ommu ma rreġistraw ir-raba' tagħhom ġewwa l-Għammieri, u qal li mhux minnu li meta r-rikorrent applika għas-sussidju mal-Aġenzija intimata hu u l-familja tiegħu kienu ġew infurmati b'dan.

Qal li kieku ġara hekk, huma kienu jieħdu ħsieb japplikaw għas-sussidju fuq iż-żewġ tomniet li jaħdmu huma.

**Anthony Zammit** xehed li huwa dejjem jiftakar li r-raba' magħruf bħala 'Tal-Imgħammed' kien jinħadem minn missieru, u meta kiber huwa beda jassisti lil missieru f'dan ix-xogħol. Qal li r-razzett l-aktar li kien jintuża kien għat-trobbija tal-annimali, u minn ħutu kollha kien hu biss li kellu l-permessi għat-trobbija tal-annimali. Qal li meta ħutu bdew jiżżewġu, kollha bdew jitilqu mir-razzett, fejn baqgħu jgħixu biss il-ġenituri tiegħu u ħutu Karmenu Zammit u Tessie Zahra. Kompla jgħid li minkejja li huwa ma baqax jgħix fir-razzett, huwa baqa' jaħdem bħala *full-time farmer,* u baqa' jaħdem ir-raba' u jrabbi l-baqar. Żied jgħid li ħliefu, ħadd minn ħutu ma baqa' jrabbi l-annimali jew jaħdem ir-raba'. Qal li kien għalhekk li missieru kien iddeċieda li jdawwar dan ir-raba' fuqu, u hu ġie rikonoxxut bħala gabillott mid-Dipartiment tal-Għammieri fl-1987. Ix-xhud qal li l-Gvern kien ilu mill-1967 ma jaċċetta ħlas ta' qbiela fuq ir-raba' inkwistjoni minħabba l-pjanijiet biex fiż-żona jsir il-qasam industrijali ta' Bulebel. Qal ukoll li wara li miet missieru, huwa baqa' jaħdem ir-raba' u jieħu ħsieb il-bhejjem, filwaqt li ħutu Karmenu Zammit u Tessie Zahra baqgħu jgħixu fir-razzett. Qal ukoll li xi snin qabel, it-tfal ta' oħtu Maria Saliba kienu staqsewh jekk kellux xi diffikultà biex jidħlu jonsbu f'waħda mill-għelieqi, u hu kien tahom permess jagħmlu dan għaliex ħass li ma kinux ser itellfuh fix-xogħol tiegħu. Ix-xhud qal li t-tfal tiegħu Brian u Vincent, it-tnejn li huma jaħdmu r-raba' miegħu u huma rreġistrati bħala *full-time farmers.* Qal li fl-2001 id-Dipartiment tal-Artijiet kien ħareġ skema għall-bdiewa li riedu jirregolarizzaw

ruħhom fil-qbiela tal-artijiet tal-Gvern, u hu u ibnu Brian kienu marru japplikaw, għaliex dak iż-żmien il-qbiela fuq dan ir-raba' diġà ma kinitx qiegħda titħallas lid-Dipartiment tal-Artijiet. Qal li ftit wara li saret din l-applikazzjoni, uffiċjali mid-Dipartiment tal-Artijiet kienu marru jkellmu lilu u lil ibnu Brian għaliex kien irriżultalhom li f'din l-art kienu nbnew strutturi mingħajr permess. Ix-xhud qal li f'Mejju tal-2012, il-konvenuta Maria Saliba kienet talbitu jdawwar xi għelieqi fuqha, iżda hu kien irrifjuta li jagħmel dan għaliex l-għelieqi dak iż-żmien kienu jinħadmu minn ibnu. Qal ukoll li ibnu Brian inżamm milli jkompli jaħdem waħda mill-għelieqi għaliex it-tfal ta' ħutu riedu jużawha għall-insib, u għalhekk żammew lil ibnu milli jidħol f'dak ir-raba'.

**Brian Zammit** fl-*affidavit* tiegħu qal li huwa minn dejjem jiftakar lil missieru jaħdem fir-raba' inkwistjoni, u żied jgħid li minkejja li fir-razzett kienu jgħixu n-nanniet paterni tiegħu u tnejn miz-zijiet, ir-razzett u l-għelieqi tal-madwar kienu jinħadmu minn missieru. Qal ukoll li huwa għandu permess sabiex irabbi xi annimali, u li huwa rreġistrat bħala *full-time farmer.* Qal li fl-2001 hu u missieru kienu applikaw sabiex jirregolarizzaw il-pożizzjoni tagħhom mad-Dipartiment tal-Artijiet, iżda dak iż-żmien kienu ġew infurmati li sabiex l-applikazzjoni tagħhom setgħet tiġi pproċessata, huma kellhom iwaqqgħu l-kmamar u l-istrutturi li kellhom mingħajr permess. Din ix-xhieda ġiet ikkonfermata wkoll minn ħu r-rikorrent, **Vincent Zammit**. Għad-domandi li saru lil Brian Zammit in kontroeżami, dan wieġeb li huwa kien applika għas-sussidju skont il-pjanta tal-art, u hu kien applika fuq l-art kollha. Qal li huwa

baqa' jirċievi sussidju fuq l-art kollha, għajr għaż-żewġ tomniet li fuqhom hemm il-kontestazzjoni. Huwa kkonferma li fil-preżent dawn it-tomnejn qegħdin jinħadmu minn Mary Saliba u minn uliedha, u qal li hu m'għandu l-ebda prova li f'xi żmien fil-passat huwa kien jaħdem dan ir-raba'. Ix-xhud ikkonferma li b'kollox dan ir-raba' fih madwar tlieta u għoxrin tomna. Qal ukoll li sa fejn jaf hu, in-nannu tiegħu kien ittrasferixxa dan ir-raba' kollu fuq missieru, għalkemm żied li jgħid li wħud miz-zijiet tiegħu għadhom jgħixu fir-razzett.

**Keith Mallia**, uffiċjal pubbliku fl-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali, xehed li l-għalqa mertu ta' dawn il-proċeduri hija rreġistrata mal-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali u taqa' fl-*Integrated Administration and Control System,* wara li kienet ġiet irreġistrata minn Brian Zammit li baqa' japplika għas-sussidju kull sena wara r-reġistrazzjoni oriġinali tal-art. Qal li wara li Brian Zammit irreġistra l-għalqa inkwistjoni għal skopijiet ta' ħlas ta' sussidju, kienet marret ukoll Maria Saliba li ppruvat tagħmel reġistrazzjoni fuq parti minn din ir-raba' sabiex hija wkoll tibda tirċievi sussidju fuqha. Ix-xhud qal li kien għalhekk li l-Aġenzija kellha tagħmel aktar verifiki, fosthom dwar min kien jaħdem ir-raba' inkwistjoni. Qal li dak iż-żmien kemm Brian Zammit kif ukoll Mary Saliba kienu ppreżentaw kopja ta' pjanta tal-għalqa ffirmata minn perit tal-għażla tagħhom, u t-tnejn li huma xehdu li qegħdin jaħdmu l-istess porzjon raba'. Ix-xhud qal li l-Aġenzija għalhekk ma setgħetx tiddetermina min mill-partijiet kien qiegħed jgħid il-verità, u għalhekk ittieħdet deċiżjoni li l-iskema ta' ħlasijiet tas-sussidju fir-rigward ta' din l-għalqa tiġi mwaqqfa fil-11

ta’ Novembru, 2012 u dan sabiex ħadd ma japplika jew jittrasferixxi l-għalqa għas-sussidju, sakemm ma jkunx hemm ftehim bil-miktub bejn il-kontestanti, jew inkella tingħata deċiżjoni miċ-Ċentru dwar l-Arbitraġġ ta’ Malta jew mill-Qorti dwar min mill-partijiet qiegħed jaħdem l-għalqa inkwistjoni. Għall-mistoqsijiet li sarulu in kontroeżami, dan ix-xhud qal li d-Dipartiment joqgħod fuq id-dikjarazzjoni tal-bidwi li jkun qed jaħdem l-art. Qal li l-*policy* tal-UE hija li bidwi wieħed japplika għas-sussidju fuq l-art, u f’dan il-każ minkejja li ż-żewġ partijiet ippreżentaw kopji tal-pjanti tal-art bil-firem tal-periti inkarigati minnhom, l-Aġenzija xorta waħda ma setgħetx tiddetermina min mill-partijiet kien qiegħed jaħdem l-art. Ix-xhud qal li l-art li Mary Saliba qiegħda tinsisti li tinħadem minnha, ġiet inkluża fl-applikazzjoni ta’ Brian Zammit.

Il-partijiet ippreżentaw ukoll l-inkartament tal-kawża fl-ismijiet **Zammit Anthony *vs.* Saliba Maria et** (Rikors Numru 1209/2012 JA).

**<u>Id-deċiżjoni appellata</u>**

4. Permezz tal-lodo arbitrali mogħti fl-14 ta’ Settembru, 2018, it-Tribunal tal-Arbitraġġ iddeċida l-vertenza li kellu quddiemu billi kkunsidrat li:

> *“Preliminarjament, ġie sollevat li ‘l-Aġenzija għal Pagamenti’ teċċepixxi li hija mhix il-leġittimu kontradittur tar-rikorrenti, stante li hija ma topponix it-talbiet tar-rikorrenti per se u lanqas tiċħadhom, iżda kif tipprovdi l-liġi applikabbli hija rreferiet lir-rikorrenti u lill-intimata l-oħra Mary Saliba għall-proċeduri tal-arbitraġġ kif mistenni mil-liġi.*

*Jirriżulta li fis-seduta tas-6 ta' Mejju 2015, il-konsulent legali li ssolleva din l-eċċezzjoni, irrinunzja għal tali eċċezzjoni.*

*Fl-isfond tal-premess għall-fini ta' kjarifika, u minn eżami tal-avviż tal-Arbitraġġ intavolat mir-rikorrenti, l-Arbitru tosserva s-segwenti; it-talba promotriċi ġiet indirizzata kontra 'Il-Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali', filwaqt li fit-tweġiba tagħhom, l-intimati intavolaw ir-risposta tagħhom għan-nom tal-Aġenzija għall-Pagamenti, 'Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali' li huma żewġ entitajiet diversi.*

*Jiġi rilevat li ai termini tal-Artikolu 181B tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, huwa ġustifikabbli l-fatt li skont in-natura tat-talba odjerna din tista' tiġi indirizzata kontra l-Kap tad-Dipartiment, ċioe l-Aġenzija tal-Pagamenti, mingħajr il-ħtieġa tal-preżenza tal-Ministeru kkonċernat. Madankollu, l-Avviż tal-Arbitraġġ ġie indirizzat lill-Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali.*

*Mill-provi prodotti fl-atti ta' dan l-Arbitraġġ, jirriżulta ampjament ċar li l-Ministeru per se huwa estraneju għall-vertenza pendenti bejn ir-rikorrenti u l-intimata Saliba, u għaldaqstant, l-Arbitru qiegħda teżonera l-Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali minn kwalsiasi responsabbilità riżultanti mill-vertenza bejn il-partijiet.*

***Il-Mertu***

*Jiġi rilevat li l-Kapitolu 387 (Raba' Skeda, Parti A, Reg. 1.4) huwa tassattiv u ma jħalli, fl-opinjoni ta' dan l-Arbitru, ebda dubbju dwar il-fatt, li kull tilwima li tirriżulta minn talbiet magħmula mill-Aġenzija tal-Pagamenti li, skont ir-Regolament 13 tar-Regolamenti dwar l-Aġenzija tal-Pagamenti, għandha tiġi riferita għall-Arbitraġġ.*

*Fil-fatt hija proprju l-Leġislazzjoni Sussidjarja 146.03 u senjatament l-Artikolu 13 li jelenka l-istanzi speċifiċi ta' materji ta' disputa relatati mal-Aġenzija tal-Pagamenti.*

*Dan l-Arbitraġġ jirrigwarda raba' ta' madwar tlieta u għoxrin tomna, magħruf bħala 'Tal-Imgħammed', iż-Żejtun. Dan ir-raba' jirriżulta li fis-sena 1915, kien ingħata b'titolu ta' kirja lill-aventi causa ta' missier ir-rikorrenti, Anthony Zammit.*

*Jirriżulta li r-rikorrenti u l-intimata Saliba huma membri tal-istess familja, u mill-provi prodotti fl-atti ta' dan l-Arbitraġġ, jirriżulta li hemm anke proċeduri ta' natura ċivili pendenti bejn il-partijiet fuq ir-raba' in kwistjoni.*

*Da parti tal-intimata Mary Saliba, hija ssostni li taħdem żewġ tomniet minn dan ir-raba', liema parti hija identifikata u hija distinta mill-kumplament tar-raba' in kwistjoni.*

*Entrambi l-partijiet, kemm ir-rikorrenti u kemm l-intimata Mary Saliba pproduċew provi u dokumentazzjoni estensiva fl-atti ta' dan l-Arbitraġġ.*

*Minn evalwazzjoni tal-provi prodotti mill-partijiet fl-atti ta' dan l-Arbitraġġ, hija fehma konsiderata tal-Arbitru li s-segwenti punti huma imperattivi għad-determinazzjoni ta' din il-vertenza:*

1. *Kien biss missier ir-rikorrenti, Anthony Zammit li kien issottometta applikazzjoni mad-Dipartiment tal-Artijiet sabiex jiġi rikonoxxut bħala l-inkwilin.*
2. *Fit-18 ta' Jannar 2003 ir-rikorrenti Brian Zammit irreġistra dan ir-raba' mal-Aġenzija tal-Pagamenti sabiex jinħareġ is-sussidju, liema sussidju kien jinħareġ regolarment fuq ir-rikorrenti Brian Zammit.*
3. *In segwitu għal din l-applikazzjoni, ir-rikorrenti Brian Zammit baqa' japplika għal tali sussidju, u kien biss fis-sena 2012 li l-intimata Mary Saliba applikat għas-sussidju.*

*Fl-isfond tal-premess, u mill-provi u d-dokumentazzjoni prodotta fl-atti ta' dan l-Arbitraġġ, jirriżulta li t-talba kif avvanzata mir-rikorrenti hija ġustifikata u timmerita li tiġi akkolta.*

***Decide***

*Għal dawn il-motivi, l-Arbitru tiddeċiedi billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti kif avvanzati fl-Avviż tal-Arbitraġġ datat 11 ta' Diċembru 2012, b'dan li tiddikjara li r-rikorrenti għandu d-dritt għas-sussidju fuq l-art bin-numru IACS-LPIS (ZTNo-5668-89) imsejħa art 'Tal-Imgħammed', iż-Żejtun.*

*L-Arbitru qiegħda tillibera lill-Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali minn kwalsiasi spejjeż ta' din il-proċedura.*

*Bl-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri kontra l-intimata Mary Saliba."*

## L-Appell

5. Il-intimata Mary Saliba ppreżentat l-appell tagħha mil-lodo arbitrali fis-26 ta' Settembru, 2018, fejn talbet lil din il-Qorti sabiex,

> *"... jogħġobha twarrab u tbiddel id-deċiżjoni in kwantu tiddikjara li r-rikorrent Brian Zammit ma għandu ebda dritt għas-sussidju fuq l-art bin-numru IACS-LPIS; (ZTNo-5668-89) imsejħa art f''Tal-Imgħammad', iż-Żejtun ta' circa 2 tomniet u li dan is-sussidju għandu jitħallas lil Mary Saliba li taħdem l-imsemmija art agrikola u konsegwentement tordna lill-Aġenzija tal-Pagamenti tħallas is-sussidju dovut fuq l-istess art sa mid-data tal-applikazzjoni tal-istess Mary Saliba.*
>
> *Konsegwentement tikkundanna l-ispejjeż kollha kontra l-istess Brian Zammit.*
>
> *Bir-rispett salv sottomissjonijiet ulterjuri waqt is-smigħ tal-appell."*

L-appellanta tgħid li hija ħassitha aggravata bid-deċiżjoni appellata għaliex fil-fehma tagħha it-Tribunal naqas milli jikkonsidra l-fatti tal-każ u ma kkonsidrax xhieda u fatti pertinenti li wasslu għal lodo arbitrali, li fil-fehma tal-appellanta huwa żbaljat, mhux ġustifikat u irrazzjonali. L-appellanta bdiet billi saħqet li hija taħdem biss żewġ tomniet minn dan ir-raba', u hija m'għandha l-ebda titolu jew pretensjonijiet dwar il-kumplament tal-art. L-appellanta qalet li mill-provi prodotti quddiem it-Tribunal kellu jirriżulta li l-appellat innifsu kkonferma li minkejja li l-qatgħa raba' kollha fiha tlieta u għoxrin tomna, u hu applika għal sussidju fuq it-tlieta u għoxrin tomna kollha kemm huma, l-appellanta fil-fatt taħdem tnejn minn dawn it-tomniet. Mill-provi jirriżulta wkoll li fil-fatt minn dawn it-tlieta u għoxrin tomna, huma biss tnax-il tomna li jinħadmu għal skopijiet agrikoli, u għalhekk is-sussidju jrid jitħallas fuq tnax-il tomna. L-

appellanta qalet li t-Tribunal tal-Arbitraġġ kellu jikkonkludi li l-applikazzjoni għall-ħlas ta' sussidju lilha kienet waħda regolari, u hija kellha jedd għal dan is-sussidju għaliex mill-provi jirriżulta ampjament ippruvat li hija taħdem iż-żewġ tomniet art inkwistjoni, kif wara kollox xehed anki l-appellat innifsu, li kkonferma li dawn it-tomnejn art jinħadmu mill-appellanta. It-tieni aggravju tal-appellanta jgħid li t-Tribunal wasal għal deċiżjoni żbaljata meta qal li ġialadarba kien Anthony Zammit irreġistra l-art mad-Dipartiment tal-Artijiet biex jiġi rikonoxxut bħala inkwilin, minn dan isegwi li kien hu li kellu jedd għall-ħlas tas-sussidju. L-appellanta qalet li s-sussidju jitħallas lil min jinstab li jaħdem l-art, u t-Tribunal kellu jsib li Brian Zammit ma kellu l-ebda jedd għas-sussidju ladarba l-qbiela tal-art hija rreġistrata fuq missieru. Qalet ukoll li t-Tribunal kellu jsib li Brian Zammit ma kellux l-interess ġuridiku rikjest sabiex jipparteċipa fil-proċeduri quddiem it-Tribunal. L-appellanta qalet li t-Tribunal kellu jiddeċiedi li meta Brian Zammit applika għal sussidju fuq l-art kollha, dan għamel hekk bi żvista, jew inkella intenzjonalment jew b'qerq.

**<u>Ir-risposta tal-appell</u>**

6. Il-Ministeru għall-Ambjent, Żvilupp Sostenibbli u Tibdil fil-Klima, ġia Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali, permezz ta' nota ddikjara li fid-dawl tal-fatt li ma sar ebda appell mill-parti tal-lodo arbitrali li jgħid li l-Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali kien qiegħed jiġi eżonerat minn kwalsiasi responsabbilità li tista' tirriżulta mill-vertenza bejn il-partijiet, dik il-parti tad-

deċiżjoni llum tikkostitwixxi *res judicata,* u għalhekk il-Ministeru m'għadx għandu *locus standi* fil-proċeduri.

L-appellat Brian Zammit min-naħa tiegħu wieġeb li ladarba l-ewwel aggravju huwa dwar apprezzament ta' provi, din il-Qorti m'għandhiex leġġerment tiddisturba l-konklużjonijiet u s-sejbiet tal-Ewwel Qorti, jew tat-Tribunal f'dan il-każ. L-appellat qal li hu min-naħa tiegħu dejjem ikkontesta li l-appellanta taħdem żewġ tomniet minn dan ir-raba', u hu dejjem sostna li Mary Saliba ma taħdem l-ebda parti minn dan ir-raba'. Qal li meta ta d-depożizzjoni tiegħu quddiem it-Tribunal, huwa kien xehed li wlied l-appellanta kienu talbu qatgħa minn dan ir-raba' lil missieru sabiex ikunu jistgħu jonsbu fiha, iżda dan biss b'mera tolleranza u bil-permess ta' missieru. L-appellat qal li mhux minnu li l-appellanta qatt ħadmet xi parti minn dan ir-raba'. L-appellat qal li fil-fatt bejn il-partijiet hemm proċeduri legali separati li nfetħu minn missieru li qiegħed ifittex li jiżgombra lill-appellanta mill-imsemmija tomnejn raba' li hu qal li mhumiex jintużaw għall-agrikoltura. Qal ukoll li fil-proċeduri rriżulta li l-appellanta lanqas reġistrazzjoni mad-Dipartiment tal-Agrikoltura m'għandha. L-appellat qal li anki t-tieni aggravju tal-appellanta huwa bbażat fuq l-apprezzament tal-provi, u huwa aggravju żbaljat għaliex minkejja li huwa minnu li kien missier l-appellat li applika mad-Dipartiment tal-Artijiet sabiex jiġi rikonoxxut fil-qbiela ta' dan ir-raba', b'daqshekk ma jfissirx li l-appellat m'għandux l-interess ġuridiku rikjest sabiex ikun parti minn dawn il-proċeduri. L-appellat qal li mill-provi kellu jirriżulta li missieru kien ta l-kunsens tiegħu

sabiex ir-raba' inkwistjoni jibda jinħadem ukoll minn ibnu, l-appellat. Qal li fil-fatt mill-provi rriżulta li hu rreġistrat bħala *full-time farmer.* L-appellat kompla jgħid li kif issottomettiet tajjeb l-appellanta, is-sussidju jingħata lil min jinstab li jaħdem ir-raba', u lit-Tribunal irriżultalu li dan ir-raba' jinħadem mill-appellat. Qal li huwa għalhekk li t-Tribunal iddeċieda favur tiegħu. L-appellat qal ukoll li l-osservazzjoni li għamel it-Tribunal, li huwa kien applika u beda jirċievi s-sussidju fl-2003, mentri kien biss fl-2012 li l-appellanta għamlet applikazzjoni sabiex tibda tirċievi sussidju fuq dan ir-raba', hija mill-aktar pertinenti, għaliex li kieku jirriżulta li huwa minnu li dawn iż-żewġ tomniet raba' minn dejjem kienu jinħadmu mill-appellanta, din ma kienx ikollha għalfejn iddum tistenna dak iż-żmien kollu biex tapplika għas-sussidju.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

Din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tikkonsidra l-aggravji mressqa mill-appellanta flimkien mar-risposti tal-appellat u dan fid-dawl tal-lodo mogħti mill-Arbitru.

*L-Ewwel Aggravju:* *l-appellanta tgħid li t-Tribunal kien żbaljat fl-apprezzament tal-fatti tal-każ*

7. L-appellanta tgħid li t-Tribunal injora għalkollox il-fatt li kemm hi, kif ukoll numru ta' xhieda, ikkonfermaw li l-appellanta taħdem żewġ tomniet mir-

raba' inkwistjoni, u li għalhekk ir-raba' inkwistjoni ma jinħadimx kollu mill-appellat.

Il-Qorti kkonsidrat il-provi li tressqu quddiem it-Tribunal, minn fejn jirriżulta li għadd ta' xhieda kkonfermaw li l-appellanta taħdem żewġt itmiem minn dan ir-raba'. Jirriżulta li oriġinarjament l-art kollha kienet imqabbla mid-Dipartiment tal-Artijiet lil Salvu Zammit, li maż-żmien kompla jaħdem l-art u juża l-parti tar-razzett għat-trobbija tal-annimali. Jirriżulta wkoll li wħud minn ulied Salvu Zammit baqgħu jgħixu fir-razzett, filwaqt li iben ieħor, Anthony Zammit, li jiġi missier l-appellat, huwa rreġistrat bħala *full-time farmer,* u baqa' bil-permess tat-trobbija tal-annimali u jaħdem ir-raba' hu. Jirriżulta wkoll li l-appellat hu *full-time farmer.* Imma diversi xhieda kkonfermaw li l-art inkwistjoni ma tinħadimx kollha mill-appellat, u fil-fatt ir-rappreżentanti tal-Aġenzija tal-Pagamenti kkonfermaw li l-art ma tintużax kollha għal skopijiet agrikoli, tant hu hekk li minkejja li l-appellat applika għal sussidju fuq tlieta u għoxrin tomna minn din l-art, is-sussidju kien jitħallas biss fuq tnax-il tomna. L-appellanta u wliedha xehdu li huma ilhom jaħdmu tomnejn minn din l-art għal diversi snin. Anki l-appellat ikkonferma li hemm tomnejn mill-art li jinħadmu mill-appellanta, u għad-domandi li sarulu quddiem it-Tribunal in kontroeżami, qal li huwa m'għandu l-ebda prova li f'xi żmien huwa kien jaħdem dawn it-tomnejn raba'. L-appellanta min-naħa tagħha sostniet li filwaqt li hija m'għandha l-ebda oġġezzjoni għall-ħlas lill-appellat tas-sussidju fuq il-parti tar-raba' li tinħadem minnu, ladarba inġabet prova quddiem it-Tribunal li tomnejn

minn dan ir-raba' jinħadem minnha, is-sussidju għal dawn it-tomnejn raba' għandu jitħallas lilha. L-Aġenzija tal-Pagamenti għamlitha ċara li hija ma tidħolx fi kwistjonijiet bejn il-bdiewa, u l-unika ħaġa li tesiġi min-naħa tagħha qabel tħallas is-sussidju dovut, hija prova dwar min verament jaħdem ir-raba'. Imma f'dan il-każ kemm l-appellanta kif ukoll l-appellat daħħlu applikazzjoni fir-rigward tal-istess art, u t-tnejn li huma kkonfermaw li qegħdin jaħdmu t-tomnejn raba' inkwistjoni. Kien biss quddiem it-Tribunal li l-appellat ammetta li 'fil-preżent' it-tomnejn raba' inkontestazzjoni qegħdin jinħadmu mill-appellanta. Jirriżulta wkoll li bejn il-partijiet kien hemm proċeduri legali ulterjuri li permezz tagħhom missier l-appellat talab għall-iżgumbrament tal-appellanta mill-imsemmija tomnejn art, wara li allega li dawn it-tomnejn art mhumiex jintużaw għal skopijiet agrikoli, iżda għall-insib.

Il-Qorti tqis li dan huwa każ fejn it-Tribunal tal-Arbitraġġ kellu jara min mill-partijiet kien l-aktar kredibbli sabiex jagħti deċiżjoni li tkun ekwa u ġusta għall-partijiet. Għall-Qorti l-fatt li l-appellat ikkonferma li t-tomnejn raba' inkwistjoni qegħdin jinħadmu mill-appellanta, kellu jingħata l-piż li jixtraqlu fil-konsiderazzjonijiet li saru mit-Tribunal, għalkemm ma jirriżultax li t-Tribunal għamel dan. Barra minn hekk, kien hemm għadd ta' xhieda oħra li kkonfermaw bil-ġurament li dawn iż-żewġ tomniet raba' jinħadmu mill-appellanta. Din il-Qorti kkonsidrat ukoll li ma tantx huwa verosimili dak li ntqal, li missier l-aħwa kien aċċetta u ta l-kunsens tiegħu sabiex ir-raba' inkwistjoni jibda jinħadem biss minn wieħed minn uliedu, kif ġie allegat mill-appellat, u qieset ukoll li quddiem it-Tribunal ma nġabet l-ebda prova li ġara dan. Il-Qorti tqis li l-

appellat ipprova jqarraq bl-Aġenzija tal-Pagamenti meta ddikjara li huwa jaħdem tlieta u għoxrin tomna raba', u ppretenda li jitħallas sussidju fuq din il-medda kollha ta' art, u dan minkejja li fil-fatt hu jaħdem biss tnax minn dawn it-tlieta u għoxrin tomna raba'.

Il-Qorti tqis li ladarba ġie ppruvat li t-tomnejn raba' inkwistjoni jinħadmu mill-appellanta, għandha raġun l-appellanta tippretendi li s-sussidju li għandu jitħallas għal dawk it-tomnejn raba', jitħallas lilha. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, tqis li l-ewwel aggravju tal-appellanta huwa ġustifikat u tilqgħu.

*It-tieni aggravju:* *l-interess ġuridiku tal-appellat*

8. L-appellanta tgħid li t-Tribunal kkonsidra li ladarba kien missier l-appellat, u ċioé Anthony Zammit li rreġistra l-art mad-Dipartiment tal-Artijiet biex jiġi rikonoxxut bħala inkwilin, konsegwentement dan kellu jedd jipperċepixxi s-sussidju agrikolu. L-appellanta qalet li b'dan ir-raġunament, l-appellat Brian Zammit qatt ma kellu l-interess ġuridiku sabiex japplika għas-sussidju, u t-Tribunal naqas milli jqis dan in-nuqqas ta' interess ġuridiku ta' Brian Zammit. L-appellanta qalet li s-sussidju għandu jkun intitolat għalih min jaħdem ir-raba'.

Il-Qorti tirrileva li l-Aġenzija tal-Pagamenti, li taqa' taħt dak li kien il-Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali u d-Dipartiment tal-Artijiet, huma żewġ entitajiet

differenti li jaħdmu b'mod kompletament separat minn xulxin. Mill-provi li nġabu quddiem it-Tribunal, jirriżulta li d-Dipartiment tal-Artijiet huwa s-sid tal-art inkwistjoni, u għalhekk dan għandu jedd jiġbor il-qbiela mingħand il-gabillotti rikonoxxuti minnu għall-kiri ta' din l-art. Mill-provi jirriżulta li fl-1967 id-Dipartiment tal-Artijiet waqaf jiġbor il-qbiela għaliex fl-inħawi kienet qed tiġi żviluppata ż-żona industrijali ta' Bulebel. Jirriżulta wkoll li fis-sena 2001 id-Dipartiment tal-Artijiet kien nieda skema li permezz tagħha persuni li kienu qegħdin jaħdmu raba' tal-Gvern mingħajr ma kienu rikonoxxuti fit-titolu, ingħataw iċ-ċans jirregolarizzaw il-pożizzjoni tagħhom mad-Dipartiment tal-Artijiet, u dakinhar Anthony Zammit kien applika sabiex jirregolarizza l-pożizzjoni tiegħu, aktarx għaliex kien jaf li minkejja li hu u membri oħra tal-familja tiegħu kienu qegħdin jokkupaw din l-art, ħadd ma kien qiegħed iħallas il-qbiela fuqha. It-Tribunal sema' wkoll kif dak iż-żmien esponenti tad-Dipartiment tal-Artijiet kienu għarrfu lil Anthony Zammit li huwa ma setax jirregolarizza l-pożizzjoni tiegħu u jiġi rikonoxxut bħala gabillott fuq dan ir-raba', għaliex fuq l-art kien instab li kien hemm għadd ta' strutturi mibnija illegalment.

Imma l-appellat qal li huwa rreġistrat mal-'Għammieri' u li hu *full-time farmer.* Dan ifisser li anki jekk is-sid tal-art, id-Dipartiment tal-Artijiet, ma jirrikonoxxix lill-appellat bħala gabillott *ai termini* tal-proċedura li permezz tagħha persuna tista' tiġi rikonoxxuta bħala inkwilina mis-sid tal-art, l-appellat xorta waħda kiseb għarfien bħala bidwi *full-time* mid-Dipartiment tal-Agrikoltura. L-għarfien

tal-ħidma ta' persuna bħala bidwi u l-ipproċessar ta' ħlasijiet dovuti lill-bdiewa, bħalma huma s-sussidji u skemi simili, huma regolati minn entitajiet governattivi differenti. F'dan il-każ l-Aġenzija tal-Pagamenti spjegat li hija ma tidħolx fil-kwistjoni dwar min verament qiegħed jaħdem l-art agrikola. L-unika dikjarazzjoni li titlob qabel tħallas is-sussidju hija li l-persuna li tapplika għas-sussidju verament qiegħda taħdem l-art, u f'każijiet fejn aktar minn persuna waħda tapplika għal sussidju fuq l-istess medda art, kif ġara f'dan il-każ, l-Aġenzija tissospendi l-ħlasijiet sakemm il-vertenza tinqata' mill-arbitraġġ jew mill-Qorti. F'dan il-każ il-Qorti tqis li Brian Zammit kellu l-interess ġuridiku rikjest sabiex javvanza 'l quddiem pretensjoni għall-ħlas ta' sussidju, ladarba huwa reġistrat bħala bidwi *full-time,* imma s-sussidju li huwa intitolat għalih huwa limitat għal dik il-parti tar-raba' li ġie ppruvat li tinħadem minnu. F'dan ir-rigward il-Qorti tqis li l-parti konklussiva tal-lodo arbitrali tammonta għal *non sequitur,* għaliex it-Tribunal ma kellux jikkonkludi li ladarba l-appellat ilu jipperċepixxi ħlasijiet ta' sussidju mill-2003, huwa għandu jibqa' jieħu s-sussidju, anki jekk fl-2012 ġie ppruvat li hemm terzi li qegħdin jaħdmu l-art huma. Għalhekk, filwaqt li tiddikjara li t-tieni aggravju tal-appellanta mhuwiex ġustifikat u tiċħdu sa fejn dan iqiegħed fid-dubju jekk Brian Zammit għandux interess ġuridiku f'dawn il-proċeduri, qiegħda tiddikjara li ladarba ġie ppruvat li l-appellanta fil-fatt taħdem tomnejn mir-raba' inkwistjoni, din għandha jedd tapplika f'isimha u li tipperċepixxi l-ħlas tas-sussidju fuq l-imsemmija tomnejn raba'.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi dwar l-appell tal-appellanta billi twarrab u tbiddel id-deċiżjoni appellata u tiddikjara li r-rikorrent Brian Zammit ma għandu ebda dritt għas-sussidju fuq l-art bin-numru IACS-LPIS; (ZT No-5668-89) imsejħa art f''Tal-Imgħammad', iż-Żejtun ta' ċirka 2 tomniet u li dan is-sussidju għandu jitħallas lil Mary Saliba li taħdem l-imsemmija art agrikola, u konsegwentement tordna lill-Aġenzija tal-Pagamenti tħallas is-sussidju dovut fuq l-istess art sa mid-data tal-applikazzjoni tal-istess Mary Saliba.**

**Konsegwentement tikkundanna l-ħlas tal-ispejjeż kollha kontra l-istess Brian Zammit.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**